MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Numru. 701/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR NIKOLAI SANT**
**VS**
**CLIVE VELLA**

**Il-Qorti;**
Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Clive Vella ta’ 30 sena, bin Joseph u Joan nee’ Grima, mwieled Pieta fl- 24 ta’ Lulju 1981, residenti gewwa 41, Triq Misrah il- Barrieri, Msida u detentur tal- Karta tal-Identita’ bin- numru 434581M ;

Talli f’ Pembroke nhar il- 31 ta’ Marzu 2011 waqt li kien qed jaghmel uzu minn vettura b’ numru ta’ registrazzjoni CLV 081 ta’ tip Honda S 2000;

1) b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl- arti jew professjoni tieghu, jew b’ nuqqas ta’

tharis ta' regolamenti, involontarjament kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il- persuna ta' Laura Jennifer Saubebere;

2) b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl- arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti involontarjament kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il- persuna ta' Bouet Geylorg;

3) saq b' manjiera perikoluza;

4) saq b' velocita' qawwija;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat kien qed isuq il-vetura tieghu fi Triq Profs Walter Ganado, Pembroke, tiela' mid-direzzjoni tal-ITS sejjer lejn il-"barracks" l-antiki, meta tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u tela' l-bankina fuq ix-xellug tieghu, fejn kienu miexjin Laura Jennifer Saubebere u Bouet Geylorg, it-tnejn ta' nazzjonalita' franciza. Dawn gew milquta mil-vettura, tant li Saubebere spiccat taht hajt f'gandott fond ftit piedi, u b'konsegwenza ta' hekk giet ikklassifikata li qed issofri minn griehi gravi. Geylorg kien qed isofri minn griehi hfief. Ghalhekk ittiehdu dawn il-proceduri fil-konfront tal-imputat.

Mil-provi prodotti rrisulta li l-imputat kien effettivament qed isuq il-vettura tieghu, tat-tip Honda S2000 bin-numru CLV 081, kif spjegat, meta ghal xi raguni hu tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u baqa' tiela' l-bankina fejn kienu miexjin iz-zewg francizi. Mis-smigh tax-xhieda kollha, il-Qorti tikkonkludi li l-velocita' li kien ghaddej biha l-imputat kienet wahda konsiderevoli u eccessiva fic-cirkostanzi. Dan qed jinghad ghar-raguni li l-incident gara f'parti tat-triq fejn hemm liwja wiesa' lejn ix-xellug, u l-ebda vettura ma tista'

titlef il-kontroll u tispara lejn ix-xellug taghha – hekk kif ghamlet il-vettura tal-imputat – jekk ma tkunx qed tigi misjuqa b'velocita'. Di fatti, ix-xiehda ta' Geylorg hija indikattiva f'dan ir-rigward, peress illi hu jispjega li sema' hoss qawwi ta' magna ta' karozza qabel ma' sehh l-incident, u meta hares lura ra l-vettura tal-imputat tersaq lejn il-lemin tat-triq bir-roti ta' wara jaghmlu dak li fis-sewqan jissejjah "oversteer" (ix-xhud uza l-kelma "derrapage", jew "skid"), u huwa indikattiv ta' moviment li vettura taghmel meta jintilef il-kontroll tar-roti ta' wara u l-vettura tperper u titbandal. Huwa impossibbli li l-imputat kien qed isuq b'velocita' minima fil-hin tal-incident. Kieku vera kien hekk, ma kien qatt jitlef il-kontroll u jitla' bankina wiesa' u jtajjar zewg "pedestrians" u jikkawza griehi gravi f'wahda minnhom, kif ukoll iwaqqa' cnagen minn hajt ma genb it-triq. Dan kollu hu indikattiv ta' haga wahda biss – velocita' ferm eccessiva. L-imputat u x-xhud tieghu ppruvaw jikkonvincu l-Qorti li ma kien hemm xejn censurabbli fis-sewqan tieghu, izda l-provi kollha fl-assjem taghhom juru ezattament il-kontra.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 226 (1) (a) u 226 (1) (c) tal- Kap 9, Artikoli 15(1)(a) Kap 65, LS 65.11 Regolament 127 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tillikwida danni *arbitrio boni viri* favur Laura Jennifer Saubebere fl-ammont ta' erbat elef Ewro (€4,000), u favur Bouet Geylorg fl-ammont ta' elf Ewro (€1,000);
Tordna lill-imputat ihallas is-somma hekk likwidata ta' erbghat elef ewro (€4,000) lil Laura Jennifer Saubebere u elf ewro (€1,000) lil Bouet Geylorg fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 28H tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tordna l- iskwalifika tal- licenzja tas- sewqan tal-imputat ghal tlett (3) snin.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------